# KURA B'MOD NATURALI



DR RENALD BLUNDELL

renald@naturalremedies.com.mt

www.naturalremedies.com.mt

F'din ir-rubrika ġdida, Dr Renald Blundell B.Sc., M.Phil., Ph.D.(Edin.), MSB (Lond.), C.Biol., EurProBiol., MIBMS, FRSPH(Lond.), CIJ, BMIJ, ser jibda jwassilna tagħrif interessanti dwar id-DNA tagħna, l-użu tad-DNA, iċ-ċelloli li jinsabu f'ġisimna, kif ukoll dwar xi ħxejjex naturali li jafu jħallu riżultat pożittiv għal ħajjitna.

Renald Blundell twieled fil-31 ta' Awwissu 1973 u jogħġhod ġewwa Ħal Luqa. Huwa ta' nazzjonalità Maltija u fil-preżent għandu l-kariga ta' Senior Lecturer fil-bijoloġija molekulari u ċellulari kif ukoll fil-bijokimika.

*Huwa jservi wkoll bħala* espert xjentifiku mal-Qorti ta' Malta relatat mad-DNA. Huwa wkoll espert fuq iċ-ċelloli staminali (stem cells).

Ħa l-edukazzjoni tiegħu f'diversi universitajiet fosthom fl-Università ta' Edinburgh, ta' Malta, u Padova. Fil-preżent huwa jagħti *lectures* ġewwa l-Università ta' Malta lil studenti li qegħdin jistudjaw il-mediċina u l-farmaċija.

Huwa awtur ta' diversi artikli xjentifiċi f'ġurnali internazzjonali, kif ukoll kiteb diversi artikli fuq ġurnali lokali u ħa sehem f'diversi diskussjonijiet fuq it-televiżjoni. Hu wkoll awtur ta' żewġ kotba bil-Malti *DNA, Ċelloli Staminali u kura b'mod naturali* u *L-imħabba taħt il-lenti*.

L-iskop ta' dawn l-artikli huma biex persuna tifhem aħjar lilha nnifisha u b'hekk tkun tista' tgħix aħjar. Bla ebda dubju xi ħadd li huwa infurmat fuq is-saħħa jista' jogħġhod aktar attent u jieħu ħsieb tiegħu nnifsu aħjar u anke lil dawk ta' madwaru.

L-artikli ser ikunu bil-Malti. Dr Blundell għandu għal qalbu l-lingwa Maltija u jaħdem ferm biex anke fil-qasam xjentifiku kif ukoll mediku, din tibda tintuża b'mod regolari ħalli kulħadd ikollu opportunità jifhem.

Mhux in-nies tal-iskola u l-għorrief biss għandhom id-dritt jieħdu ħsieb tagħhom infushom, iżda kulħadd, indipendentement mill-flus li għandhom, l-edukazzjoni li studjaw kif ukoll l-istat soċjali li jinsabu fih.

Minn Ħadd għal Ħadd, Dr Renald Blundell ser iwassilna informazzjoni li tikkonċerna suġġetti bħad-DNA, testijiet tal-paternità, kif jaħdmu ċ-ċelloli li jinsabu f'ġisimna, ċelloli staminali, informazzjoni dwar testijiet tal-laboratorju u kif persuna tista' tifhem ir-riżultat tiegħu, ikel li ma jaqbilx ma' xi ħadd u x'jista' jsir f'każ, żviluppi fil-kamp mediku kif ukoll xjentifiku u anke se jgħaddilna informazzjoni dwar ħxejjex naturali li jistgħu jħallu effett pożittiv fuq min jippruvahom, saħansitra jistgħu anke jfejqu l-bniedem.

Kull min għandu xi domanda jew xi suġġeriment li jixtieq jistaqsi jew jiddiskuti ma' Dr Blundell, dan jista' jagħmlu billi jibgħat *email* lil renald@naturalremedies.com.mt jew ittra fl-indirizz Natural Remedies, 69, Triq K. Galea, Birkirkara.

